MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 251/2004

Kawza fil-lista: 7

**London Services Limited**
**Vs**
**Sahara Studios Company Limited**
**Noel Calleja**
**Anthony Calleja**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors prezentat fl-10 ta’ Gunju 2005 mill-konvenuti Noel u Anthony Calleja li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tissoprassjedi f’ dawn il-proceduri sakemm tigi konkjuza l-kawza fl-ismijiet Noel Calleja et vs London Services Ltd. [Citazz.531/05JRM] istitwita fl-1 ta’ Gunju 2005;

Rat ir-risposta tas-socjeta' attrici fejn opponiet ghal din it-talba principalment in bazi ghall-argument li l-kawza odjerna "tinsab ferm maturata u waslet ormai fl-istadju finali taghha", kif ukoll li s-soprassessjoni f' dan l-istadju ser tkun ta' pregudizzju ghaliha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali jigi osservat li s-soprassessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha tirrikorri ghalih biss meta hu mehtieg fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizza f' kaz li tinqala' kwistjoni li d-decizjoni taghha influwixxi sostanzjalment fuq l-esitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistax tigi esaminata fl-istess kawza jew ikun spedjenti li tigi ezaminata f' kawza ohra separata.[1] Is-soprassessjoni huwa ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta.[2] Huwa provvediment rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi partikolari u specjali ta' kull kaz.[3]

Fil-meritu, permezz tal-proceduri odjerni s-socjeta' attrici qeda titlob il-kundanna tal-konvenuti kollha in solidum bejniethom ghall-hlas tas-somma ta' Lm12,924.34 rapprezentanti in parte kera arretrat u in parte kera dovut ghall-kumplament tad-durata kollha tal-ftehim lokatizzju li jinsab inkorporat fi skrittura datata 21 ta' April 2002[4].

F' din l-iskrittura, wara l-firem tal-konvenuti, izda qabel il-firma tar-rapprezentant tats-socjeta' attrici, hemm stipulat *"the signatories for the Lesee [il-konvenuti Noel u Anthony Calleja] in their personal capacity hereby stand surety in solidum with the Lesee."*[5]

[1] Vol.41C App.[1957]
[2] Vol.46C PA.[1962]
[3] Vol.LXXXIII.II.397 App.
[4] Fol.6 *et seq.*
[5] Fol.13

Illi permezz ta' citazzjoni prezentata fl-1 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet Noel Calleja et vs London Services Ltd, dawn il-konvenuti, allura atturi, f' ismhom proprju, wara li ppremettew li l-kunsens taghhom ghal ghoti tal-garanzija personali kien vizzjat b'ingann esercitat mis-socjeta' attrici, allura konvenuta, talbu dikjarazzjoni gudizzjarja li l-imsemmija klawsola hija nulla u bla effett.

Il-Qorti hija tal-fehema li ghandu jirrizulta manifest li d-decizjoni tal-kawza prezentata fil-mori ta' dawn il-proceduri, diretta sabiex tannulla l-imsemmija klawsola li twassal ghar-responsabbilita' in solidum tal-konvenuti kollha, tinfluwixxi b' mod determinanti fuq l-ezitu tal-kawza odjerna. Di fatti f' kaz ta' ezitu favorevoli ghal konvenuti Noel u Anthony Calleja, it-talba kif dedotta fic-citazzjoni odjerna ma tistax treggi stante li din ghandha bhala presuppost taghha il-validita' ta' l-iskrittura kollha inkluza l-imsemmija klawsola.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li s-soprassessjoni ta' din il-kawza sakemm jigi definittivament determinat il-validita' o meno tal-klawsola fuq indikata, hija opportuna u proceduralment u legalment bazata fuq logika legali valida.

In fine jigi osservat li r-ragunijiet kontenuti fir-risposta tas-socjeta' attrici ghall-opposizzjoni taghhom ma jimmilitawx kontra din il-konkluzjoni. Huwa minnu li l-konvenuti Calleja hallew jghaddi perijodu ta' sena qabel ma prezentaw ic-citazzjoni tal-1 ta' Gunju 2005, u huwa minnu ukoll li dan il-fatt jista' jitfa' dell negattiv fuqhom, izda mill-banda l-ohra hemm il-konsiderazzjoni li fil-mori tal-kawza kien hemm bdil fid-difensur tal-konvenuti; inoltre, mhux minnu li l-kawza waslet fi stadju finali taghha kif sostnut mill-attrici. Illi rigward il-pregudizzju sostnut mis-socjeta' attrici, il-Qorti tosserva li fic-citazzjoni odjerna id-domanda tinkludi talba ghall-hlas ta' l-imghax fuq l-ammont indikat fic-citazzjoni mid-data tal-pestazzjoni tas-servizz kummercjali, u mid-data tat-terminazzjoni tal-ftehim de quo. Ghalhekk f' kaz ta' ezitu posittiv ghall-attrici, id-danni ser jigu kumpensati bl-imghax legali.

In vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti konvenuti Calleja hija gustifikata u ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tordna s-soprassessjoni tal-kawza odjerna sakemm tigi defenittivament deciza il-kawza fuq indikata.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------